MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Numru. 274/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**RUBEN AQUILINA**
**DENNIS FARRUGIA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RUBEN AQUILINA** ta’ sebgha u tlein (37) sena, bin Michael u Fiomena nee’ Spiteri, imwieled Attard fil-21 ta’ Novembru 1974, u residenti f’Numru 6, Triq Luqa Briffa, Zejtun, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Numru 10475M u **DENNIS FARRUGIA** ta’ erba’ u tletin sena, bin Mario u Pauline nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ Novembru 1977, u residenti fi Block 16, Door B, Flat 11, Triq l-Ispika, San Gwann, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Nru. 9378M tressqu quddiemha akkuzati talli:

Fi Frar 2012, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifikaw xi biljett tal-flus u / jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta' EURO, meta kienu jafu li kienu falsifikati;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procediment kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qerda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljett tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' zewg atti tat-twelid tal-imputati, u zewg fedini penali tal-imputati, zewg stqarrijiet ta' l-imputati u *seizure note*.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illum nhar id-disgha (9) ta' Marzu 2012 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu

lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-lum nhar id-disgha (9) ta' Marzu 2012 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghhom.

Dwar il-piena.

Il-Qorti qieset dak li gie sottomess mill-Prosekuzzjoni fil-prezentata u cioe' is-segwenti:

1. L-imputati kkollaboraw bi shih ma' l-ufficjal investigattiv sa mill-bidu nett tal-proceduri tant li anke ammettew il-partecipazzjoni taghhom fir-reati inkwistjoni meta huma rrilaxxaw l-istqarrijiet fuq imsemmija.

2. L-imputati ghandhom fedina penali netta u ghandhom jigu trattati daqs li kieku kienu *first time offenders.*

3. Illi l-*corpus delicti* jinsab esebit fl-atti b'mod formali u l-valur tieghu jiswa, skond dak registrat mill-Prosekuzzjoni, erbghin elf Ewro (€40,000).

4. Illi l-imputati lesti li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li ssib lill-imputati RUBEN AQUILINA u DENNIS FARRUGIA hatja u tikkundannhom prigunerija ghal perjodu ta' sentejn sospizi ghal erba' (4) snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna illi l-flejjez kollha li huma foloz ghandhom jigu kkonsenjati lill-Bank Centrali.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-oggetti msemmija fis-*seizure note* u esebiti l-Qorti b'mod formali jigu kkonfiskati u mghoddija lill-Gvern ta' Malta.**

**Fl-ahhar nett, ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti processwali ta' l-istess jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------